MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2191/2004

**Assocjazzjoni EAN Malta**

**Vs**

**Philip Micallef (ID. 408561 (M))**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm186.40c (mija u sitta u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti *membership fees* dovuti ghas-snin 2003 u 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Stephen Muscat li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Assocjazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm186.40c (mija u sitta u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------